# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 33/2015**

Il-Pulizija

vs

**David Paris**

iben Emanuel, imwieled Floriana, fl-4 ta' Awwissu, 1957, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 547157(M)

Illum, 15 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant David Paris quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar it-28 ta' Ottubru, 2011 u fix-xhur ta' qabel gewwa tas-Sliema:

1. Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudin b'qerq, jew akkwistati b'reat, li jikkonsistu f'sink stainless steel li jiswa €395.60, WC P-Trap li jiswa €64.88, toilet li jiswa €104.45, toilet seat li jiswa €44.49 u mera li tiswa €278.10 b'kollox jammontaw ghal €887.52 u bil-VAT €1,047.28, liema oggetti jappartjenu lil Andrea Micallef, iben Bartolomeo u Maria Rosaria neé Valletta, imwieled nhar it-18 ta'

Jannar, 1988 u jirrisjedi gewwa “Villa Kelvedon”, Triq Nutar Zarb, Attard (artikolu 334 tal-Kodici Kriminli);

2. Fl-istess u cirkustanzi wara li sar jaf li l-oggetti li kien fil- pussess taghhom huma misruqa jew mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, naqas milli jgharraf lill-Pulizija b’dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta sar jaf (artikolu 334A tal-Kodici Kriminali);

3. Fl-istess cirkustanzi, sab l-oggetti msemmija li naqsu lil Andrea Micallef, iben Bartolomeo u Maria Rosaria neé Valletta, imwieled nhar it-18 ta’ Jannar, 1988 u jirrisjedi gewwa “Villa Kelvedon”, Triq Nutar Zarb, Attard u ma gharrafx bihom fi zmien tlett ijiem lill-Pulizija Esekuttiva;

4. Fl-istess cirkustanzi sar recidiv b’sentenza moghtija lilu mill- Qorti tal-Magistrati ta’ Malta fit-12 ta’ Marzu, 2009 liema sentenza ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta’ Jannar, 2015 fejn il-Qorti wara li rat li filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, ma sabitx lill-imputat hati tar-raba’ (4) imputazzjoni u b’hekk illiberatu minnha, u wara li rat l-artikoli 334 u 334A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat David Paris hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal perijodu ta’ sena prigunerija li b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

Rat ir-rikors tal-appellant David Paris ipprezentat fl-4 ta’ Frar, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn l-appellant gie liberat mir-raba imputazzjoni u asstjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni u tikkancellaha f’dik il-parti fejn il-Qorti sabet htija ta’ l-ewwel u it-tieni imputazzjoni u tilliberah minn kull htija.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-appellant jaghmilha cara li huwa mhux qieghed jikkonstesta li huwa sab xi affarijiet fil-garaxxijiet sitwati fil-basement u li telghahom f'dan l-appartament pero' mill-provi kif prodotti mill-prosekuzzjoni l-Qorti tal-Magistrati ma setghetx b'mod legali u ragonvevoli tasal ghas-sejbin tal-htija u dan peress li ma gewx sodisfacentement provati kemm l-oggett materjali kif ukoll dak formali tar-reat in kwistjoni.

Illi kif qalet tajjeb l-ewwel onorabbli Qorti, tlett kundizzjonijiet iridu jigu ppruvati mill-prosekuzzjoni f'kaz tar-reat ta' ricettazzjoni u dan skont l-istudju magisterjali maghmul mill-mibki Imhallef William Harding fil-ktieb tieghu "Recent Criminal Cases Annotated". Dawn huma:

> "(a) that, previously, there has been the commission of an offence against property,
>
> (b) that the accused has received, or purchased, or, in any manner, taken part in the selling or disposing of the stolen property, and
>
> (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods."[1]

L-ewwel zewg kundizzjonijiet jitkellmu fuq l-oggett materjali tar-reat waqt li l-ahhar kundizzjoni tirrigwardja l-element formali.

Aparti dan l-Imhallef William Harding jghallimna wkoll li:

> Anyone who by his own act, of whatsoever nature, facilitates the disposal of the goods, contravenes the section."

**Fuq l-oggett materjali tar-reat ta' ricettazzjoni**:

B'akbar rispett lejn l-ewwel onorabbli Qorti, il-prosekuzzjoni ma ppruvat lil'hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-oggetti li l-imputat appellant tella f'dan l-appartament kienu l-istess oggetti li gew misruqa minn ghand il-kwerelant. Li sempliciment Andrea Micallef f'dan il-kaz partikolari gharaf u stqarr li dawn l-oggetti huma tieghu ma hux sufficjenti. Anzi dak li gharaf Andrea Micallef huwa kontradittorju ma dak li gie akkuzat l-appellant.

---

[1] Ara is-sentenza numru 109 fl-ismijiet il-Pulizija versus Joseph Bugelli u ohrajn tal-24 ta' Jannar 1942.

Illi qabel xejn l-appellant gie akkuzat ta' ricettazzjoni ta' sink stainless steel li jiswa €395.60, WC P-Trap li jiswa €64.88, toilet li jiswa €104.45, toilet seat li jiswa €44.49 u mera li tiswa €278.10. Illi dawn l-oggetti lanqas gew formalment ezebitti mill-prosekuzzjoni u l-Qorti kellha tistrih biss fuq ritratti li ittiehdu ta' dawn l-oggetti qabel dawn **inghataw** lura lil Andrea Micallef.

Illi jinghad ukoll li fil-mori ta' din il-kawza gie ppruvat minn l-appellant li dawn l-oggetti li nstabu ma humiex unici. Ma humiex oggetti li ghandhom xi karateristici partikolari b'mod li taghmilha facli ghal sidhom li jagharafhom. Fil-fatt gie ppruvat mid-difiza li dawn l-oggetti li nstabu jistghu facilment jinxtraw minn diversi hwienet hawn Malta. Tant huma komuni li kif xehed Alex Mercieca, l-importatur tal-marka ***rokka*** **ilha** tezisti hawn Malta ghal dawn l-ahhar tlettin sena u skont hu, importa *containers* shah minnhom.

Illi aparti dan, il-kwerelnat xehed ukoll fuq xi biebin ta' cupboard li it-toqob taghha qablu perfettement. L-appellant jistaqsi, x'biebin huma dawn li qieghed jitkellem fuqhom il-kwerelant. Huwa gie akkuzat ta' ricetazzjoni ta' affarijiet ohra u mhux ta' biebien ta' cupboards. Fejn instabu dawn il-biebin u ghand minn? Illi jinghad ukoll li dawn l-oggetti nstabu f'appartment ta' l-appellant mhux mill-kwerelant imma minn persuna li kienet giet imqabda minnu sabiex taghmel xi xoghol ta' pluming ghandu. Allura wiehed jistaqsi, kif setghat din il-persuna taghraf dawn l-oggetti meta dawn kienu fil-kaxxi u kien biss fit-tieni okkazzjoni li dahal f'dan l-appartament li huwa allegatament gharaf dawn l-oggetti? Ghalfejn ma rahhom l-ewwel darba? Ghalfejn kien daqshekk cert li dawn l-oggetti kienu jappartjenu lill-kwerelant?

Illi l-appellant umilment jissottometti ukoll li tant dawn l-oggetti ma humiex tal-kwerelant li fil-fatt dawn kienu fil-pussess tieghu xhur qabel Andrea Micallef irraporta li gew misruqa minn l-appartament tieghu. Kif jista' jkun allura li qed nitkellmu fuq l-istess affarijiet? Andrea Micallef kien stqar li dawn l-oggetti kienu ilhom li insterqu ftit jiem qabel ghamel ir-rapport l-ghassa tal-pulzija mentri l-appellant prezenta email li kien baght lill-condominium li tmur lura xhur fiz-zmien qabel sar ir-rapport. Dan gie ikkollaborat ukoll minn xhud imressaq mid-difiza.

Illi minghjar pregudizzju ghal dan, l-appellant jirrileva ukoll li l-prosekuzzjoni lanqas ippruvat li dawn oggetti li nstabu fl-appartament ta' l-appellant huwa rizultat ta' serq. Ghalkemm dawn l-oggetti kienu fil-kaxxa, dawn instabu minn l-appellant mormija qalb l-imbarazz li kien hemm fil-

garaxxijiet fil-basement level. Fil-basement, kif gie pruvat f'dawn il-proceduri kienu jintremew diversi affarijiet u imbarazz. Ghalhekk jekk forsi seta' kien hemm suspett minn l-appellant li dawn l-oggetti setghu kienu misruqa zgur ma hux bizzejjed biex jirrendi dawn l-oggetti bhala effettivament misruqa. Fil-fatt il-prova tas-serq trid issir xorta u irid jigi ppruvat li xi oggett ittiehed mill-pussess ta' xi hadd kontra l-volonta` taghha u dan a skop ta' lukru.[2] Jekk dawn l-oggetti nstabu mormija, ma kien hemm l-ebda serq. Minn jisraq ma jarmiex l-oggetti li jisraq izda jisirqu ghal skop ta' lukru. Minn ghajr skop ta' lukru ma jista' qatt jikkonfigura s-serq. Jekk ma hemmx serq isegwi li ma hemmx ricettazzjoni. Anzi kif stqarr l-appellant stess dawn l-oggetti kienu ghandu sabiex itiehom lil minn seta' jigi bzonnhom. Allura li *dato ma non concesso* li l-appellant seta kien konsapevoli (fis-sens li haseb jew kien jemmen) li dawn l-oggeti kienu misruqa, xorta wahda dan ma jezonerax lill-prosekuzzjoni milli tipprova li l-oggetti in kwistjoni kienu effettivament gejjin minn provenjenza illecita. Din il-prova ma tressqietx.

**L-element formali tar-reat:**

Illi minghajr pregudizzju ghar-ragunament spjegat aktar 'il fuq, l-Ewwel Qorti ma' setghet qatt legalment u ragonevolment issib lill-esponent hati tal-akkuza ta' ricettazjoni u dan peress li l-element formali tar-reat ma giex ippruvat mill-prosekuzzjoni.

Illi bl-akbar rispett l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti kien wiehed li jirrendi lill-appellant hati a bazi ta' negligenza u forsi traskuragni, haga li legalment ma' kienitx permessa u dan stante li r-reat in ezami huwa wiehed doluz u mhux kolpuz. Kien rikjest li jigi ppruvat li l-esponent kien xjenti tal-provenjenza llecita tal-oggett li hu ddecieda li jiehu fl-appartament li kien jiehu hsieb. Ried jigi ppruvat li l-appellant ried jaghmel ricettazzjoni! Bir-rispett kollu minn isib affarijiet mormija go l-imbarazz necessarjament u b'mod univoku jinewtralizza r-reat ta' ricettazzjoni.

Fil-fatt, il-Qorti tal-Magistrati naqset li tikkonsidra li dan l-ahhar element, dak tax-xjenza jew "awareness" kien soggett ta' diversi interpretazzjonijiet mis-sentenzi taghna b'mod li dejjem

---

[2] 25/10/2002 - Appell Kriminali Numru. 2/2001/1 Il-Pulizija v.Giovanni sive John Grima - VDG

qiesu li s-suspett biss illi l-oggett seta' kellu provenjenza illecita ma kienx bizzejjed biex jissodisfa din in-natura ta' "awareness" kif trid il-ligi. Hekk qalet, perezempju, il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza 'Pulizija kontra Carmel Debono':

> "biex persuna tinstab hatja ta' ricetazzjoni trid tkun taf li l-oggett illi qed tircievi jew li qieghed jindahal biex jinbiegh jew tmexxi hu ta' provenjenza llecita. Mhux bizzejjed li bhala fatt l-oggett ikun insteraq lil haddiehor; hemm bzonn li jkun hemm ix-xjenza tal-agent dwar dik il-provenjenza llecita."

Illi l-elment ta' l-'awareness' gie spjegat ahjar fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus George Schembri',

> "... min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza llegittima, u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla din il-provenjenza huwa hati ta' ricettazzjoni." [3]

Illi ghalhekk persuna biex tkun hatja ta' ricettazzjoni trid necessarjment takkwista l-oggett u mhux issib l-oggett. Trid tkun b'xi mod ikkomunikat ma xi persuna jew gejt moghdija l-oggett minn xi persuna. Dan iffisser li 'dato ma non concesso' li l-affarijiet in kwistjoni kienu verament insterqu minn l-appartament tal-kwerelant, f'dan il-kaz naqset il-prova li l-imputat b'mod ghamel xi haga biex jakkwista.

Illi jigi umilment sottomess li l-appellant kien persuna fdata bit-tmexxija tal-condominium. Bhala amministratur huwa kellu access ghal diversi appartamenti b'mod li sahansitra numru ta' proprjetarji kienu jafdawh b'sommom ta' flus biex jixtri u jimla bl-ghamara l-appartament taghhom. Aparti dan, l-appellant huwa persuna ta' integrita', persuna fdata u persuna li ma ghandiex bzonn 'toilet u cabinet' tan-nies! Anzi lill-pulzija gew murija minn l-appellant stess garaxxijiet mimlija bil-merkanzija li fosthom ma sabu l-ebda oggett iehor li l-kwerelant allega li kien tieghu.

Illi dan l-argument huwa msahhah b'mod li l-appellant stess kien informa lill-condominium li kien sab dawn l-oggetti mormija fil-garaxxijiet sottostante l-appartamenti. Jigi ccarat ukoll il-

---

[3] Sentenza tal-Qorti tal-Appell decisa fit-30 ta' April 1992.

punt li fuq struzzjonijiet li kellu huwa ma nfurmax lill-pulizija b'dawn l-oggetti u mhux sabiex jaghmel ricettazzjoni ta' dawn l-oggetti.

Ma jonqos ukoll li l-appellant u l-kwerelant kienu hbieb u kien l-appellant stess li kien ta access u dan aktar minn darba lill-haddiem tal-kwerelant sabiex jidhol fl-appartament fejn instabu l-oggetti. Anzi l-appellant stess kien jaf li kienu nsterqu xi affarijiet minghand il-kwerelant u kien ukoll iccajta mieghu fuq il-kwistjoni. Tant l-appellant ma kellux x'jahbi li l-ewwelnett ha dawn l-affarijiet fl-appartament li hu kien jiehu hsieb liema appartament kien fl-istess blokka li l-kwerelant ghandu l-appartament tieghu u ta' access lill-haddiem il-kwerelant stess. Persuna li takkwista affarijiet misruqa ma taggixxiex hekk. Persuna li tkun innocenti u li ma jkolliex tahbi mill-banda l-ohra ma jkollha l-ebda biza' taghti access f'darha lil min ikollu bzonn inkluz lill-pulizija.

Illi fil-fatt in-nuqqas ta' hsieb tar-ricettazzjoni ta' l-appellant johrog ukoll car mill-mod kif gab ruhhu mal-pulizija. Kif diga intqal, huwa fetah ammonti kbar ta' garaxxijiet li kienu mimlija affarijiet u xejn aktar ma gie rikonoxut mill-kwerelant bhala oggetti li kienu misruqa minn ghandu. Allura ghalkemm jista' jaghti l-kaz li l-oggetti li nstabu fl-appartment ta' l-appellant kienu vera tal-kwerelant zgur mhux forsi l-appellant sab dawn l-oggetti mormija fl-imbarazz u peress li kienu ghandhom fil-kaxxa kienet haga logika u ragunata li jiehu dawn l-affarijiet sabiex kif qal hu stess jekk ikun hemm xi hadd li jkollu bzonnhom jaghtihomlu. Din il-verzjoni hija kkorrobrata bil-fatt li dawn l-oggetti thallew fil-kaxxi u ma ntuzawx ghal xhur shah.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk l-appellant umilment jissottometi li l-ewwel Qorti ma setghatx tkun sodisfatta li l-appellant ma kien jaf illi l-oggetti kellhom provenjenza llegittima u jekk forsi qatt seta' kellu xi suspett ma seta' jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza.

L-indikazzjonijiet kollha jindikaw li l-appellant ma kellux bzonn dawn l-affarijiet u hax dawn l-affarijiet sabiex jaghmel xi qliegh izda hadhom biss in "buona fede".

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu jghaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-prosekuzzjoni, lanqas formalment, ma ezebiet fl-atti ta' din il-kawza r-refurtiva li kienet fil-pussess ta' l-appellant. Gew ezebiti diversi ritratti izda f'dan il-kaz partikolari l-ezebizzjoni ta' dawn l-affarijiet hawn fuq imsemmija kienet tkun utli ferm in vista tad-dikjarazzjoni ta' Andrea Micallef li qal li hu gharaf li l-oggetti kienu tieghu minhabba l-fatta li kien hemm xi taqtiriet taz-zebgha fuq il-'packing' ta' dawn l-oggetti.

Illi fl-atti ta' din il-kawza lanqas ma tirrizulta xi dokumentazzjoni li tista' tindika meta nxtraw dawn l-affarijiet. Fil-fatt, a fol. 22 tal-process hemm 'quotation' tal-14 ta' Novembru, 2011 li tindika l-valur tal-oggetti in kwistjoni. Kienet tkun ferm differenti, kieku Andrea Micallef informa l-Qorti meta xtara dawn l-oggetti, kif hallashom u min ikkonsenja u meta gew konsenjati dawn l-affarijiet. Ta' dan, a hemm xejn. Dan il-punt qed jigi rilevat minhabba l-fatt li s-serqa giet irrapurtata lill-pulizija fis-27 ta' Lulju, 2011. Kwindi dak id-dokument li jgib id-data tal-14 ta' Novembru, 2011 hu semplicement dokument biex jindika l-valur tal-oggetti.

Illi kien ukoll ikun utli li kieku l-persuna li ndunat, li fl-appartament ta' l-appellant kien hemm l-affarijiet ta' Andrea Paris, offra x-xhieda tieghu quddiem l-ewwel Qorti biex jindika kif gharaf dawn l-oggetti.

Illi mill-atti tal-process jirrizulta li, skont kif dejjem sostna l-appellant, hu kien sab dawn l-affarijiet fl-14 ta' Gunju, 2011. Hu konfortat bid-dokument DP12 li jinsab a fol.108 tal-process. Dan id-dokument hu e-mail mibghut lill-Condominium Services fejn ighid li hu sab dawn l-oggetti fil-livell -3 u jitlob li xi hadd itihom daqqa ta' ghajn meta jmorru fuq il-post.

Illi mix-xhieda ta' l-appellant jirrizulta li hu sab dawn l-affarijiet f'garage qalb l-imbarazz fil-livell -3. Hu gabar dawn l-affarijiet u hadhom fl-appartament fejn eventwalment instabu. Hu kien konxju tal-fatt li dik il-binja kienet soggetta ta' serq sistematiku u l-imghallem tieghu kien qallu biex ma jaghmel ebda rapport dwar dak li kien qed jigri hemm ghaliex ma riedx li Belmond Heights jiehu fama hazina. Tant hu hekk li meta Andrea Micallef qallu li nsterqulu xi affarijiet tal-kcina hu rrimarka li min seraq ghandu kcina kompluta ghaliex l-appellant qallu li min wiehed mill-appartamenti nsteraq fridge.

Illi fuq l-iskorta tal-provi prodotti ma hemm ebda dubju li l-appellant kien jaf li dawk l-aoogeeti kienu gew misruqa minn appartament ta' dik il-binja ghaliex zgur ebda persuna ma tarmi oggetti li ghadhom bil-packing originali tal-fabbrika.

Illi l-appellant dejjem sostna li hu kien qed izomm dawk l-oggetti biex jekk xi hadd ikollu bzonnhom jaqbad u jaghtihom. Cirkostanza ohra li tindika l-buona fede ta' l-appellant hu l-fatt li

hu ma sab ebda diffikulta li l-haddiem ta' Andrea Micallef jidhol fl-appatament fejn kienu dawn l-oggetti.

Illi ma hemm ebda dubju li wiehed mill-elementi tar-reat ta' ricettazzjoni hu li l-persuna li ghandu l-pussess ta' dawn l-oggetti ghandu l-intenzjoni li jaghmel qliegh minn tali oggetti. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-prosekuzzjoni ma ppruvatx dan il-fatt. Hu kien informa lis-superjuri tieghu b'dak li kien sab u ma ghamel ebda tentattiv biex juzhom jew biex ibieghhom. Ghalhekk, l-element formali ta' dan ir-reat qatt ma gie ppruvat. Minbarra, dan jibqa l-fatt li skont l-appellant, l-oggetti nstabu qabel ma Andrea Micallef mar jaghmel ir-rapport tieghu u kif intqal hawn fuq l-appellant baghat e-mail dwar dak li sab.

Illi min-naha l-ohra, l-appellant ma kellhux iseqwi dak li qallu l-imghallem ghas-semplici raguni li l-affarijiet li hu sab qatt ma jistghu jigi definiti bhala 'res nullius'. Ghalhekk, id-dver tieghu kien li hu jinforma lill-pulizija b'dak li sab u jhalli f'idejhom ghal kwalunkwe investigazzjoni li kellha ssir. Ghalhekk, hu car li l-appellant hu hati a bazi tal-artikolu 334A tal-Kodici Kriminali li hu kellu jinforma lill-pulizija fi zmien gimgha minn meta sab dawn l-oggetti.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-appellant ma nstabx hati tar-raba' akkuza migjuba kontra tieghu u fejn l-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu. Tilqa' l-appell ta' David Paris dwar l-ewwel akkuza, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u ghalhekk tehilsu minn kull htija u piena. Tichad l-appell ta' David Paris dwar it-tieni akkuza migjuba kontra tieghu u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tikkundanna lill-appellant David Paris ghal hlas ta' multa ta' elf euro (€1,000).